MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1870/2005

**George Grech I.D. 18950(G)**

**Vs**

**Paul Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** tal-11 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas s-somma ta' mitejn u sittin Liri Maltin (Lm260), liema somma tirraprezenta self moghti mill-attur favur il-konvenut, u liema somma baqghet ma thallsitx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' tmien Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm8.26) ta' l-ittra legali tas-17 ta' Awissu 2005 u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan

l-Att, kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**risposta** tal-konvenut tal-1 ta' Dicembru 2005 li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi ebda ammont ma huwa dovut mill-eccippjenti lill-attur, salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Sema` x-xiedha kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2007 l-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi u l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attur jippretendi li jithallas lura minn ghand il-konvenut s-somma ta' mitejn u sittin Liri Maltin (Lm260) li jghid illi silifomlu f'zewg istanzi – wahda b'cekk ta' mija u hamsin Liri Maltin (Lm150) u l-ohra billi ghaddielu mija u ghaxar Liri Maltin (Lm110) f'fidda. Ta' dan jghid illi l-konvenut anke ffirmalu skrittura – Dok GG1 (fol 10).

Mart l-attur, Susan Grech, tikkonferma dak li xehed zewgha u tghid illi kienet hi stess illi marret ghand il-konvenut bil- mija u ghaxar Liri Maltin (Lm110) fidda u l-iskrittura li ffirma l-konvenut fil-presenza taghha.

Il-konvenut xehed ili jaghraf il-firma tieghu fuq Dok GG1 u jikkonferma illi l-ammont ta' mitejn u sittin Liri Maltin (Lm260) gie misluf lilu f'darbtejn – mija u hamsin Liri Maltin (Lm150) biex tella` d-dghajsa u mija u ghaxar Liri Maltin (Lm110) f'fidda ghall-hanut tieghu. Jghid pero` illi kien hemm trapass ta` zmien ta` gimgha bejn okkazjoni u ohra. Jghid pero` illi dawn thallsu lura fil-bar tieghu wara illi kien sar xi negozju fuq dghajsa, u ghalkemm talab ircevuta, din baqghu qatt ma tawielu.

In kontro-ezami, il-konvenut jghid illi s-somma hallasha lura fid-29 ta' Lulju 2004.

Il-mara tal-konvenut, Deborah Whitley, ikkonfermat illi l-hlas lura lill-attur sar – u fil-presenza taghha, filwaqt illi l-ircevuta mweghda baqghet qatt ma wasslet.

Filwaqt illi Deborah Whitley tallega illi Susan Grech taf illi l-hlas lura tas-somma sar, din Susan Grech tichad dan meta kontro-ezaminata.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi min jallega hlas - obbligat jippruvah. Illi kien jispetta lill-konvenut illi la darba qed jallega li hallas lura l-ammont lilu misluf – huwa jipprova dan.

It-Tribunal, mill-provi prodotti, ihoss illi mhux talli l-konvenut ma ppruvax il-hlas minnu maghmul, talli jinsisti illi hallas fid-29 ta' Lulju 2004 (data fuq DOK PZ2) meta ffirma ghas-self lilu maghmul f'Novembru 2004 (DOK GG1) – hames xhur wara. Dan imur biex jimmilita kontra t-tezi u l-verzjoni tal-konvenut, li certament ma tistghax titwemmen.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostazni kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa t-talba` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u sittin Liri Maltin (Lm260) kif mitlub fl-Avviz.

Bl-imghax legali mill-11 ta' Novembru 2005 u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kif mitluba fl-Avviz kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------